Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7887/26

SOC 180
EMPL 82
ECOFIN 400
MI 307
EDUC 102
JEUN 47
ENV 303
ENER 155
DIGIT 86
TOUR 15
CULT 42
JAI 408

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 138 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rieżami ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali: il-kisbiet ewlenin u l-passi li jmiss

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 138 final.

Mehmuż: COM(2026) 138 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2026
COM(2026) 138 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rieżami ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali: il-kisbiet ewlenin u l-passi li jmiss

{SWD(2026) 94 final}

1. INTRODUZZJONI

L-ekonomija soċjali stabbiliet ruħha sew bħala parti integrali mill-ekonomija u mis-soċjetà tal-Ewropa, kontributur ewlieni għall-prosperità u għall-kompetittività u pilastru tar-reżiljenza tal-Ewropa.

Fl-Unjoni Ewropea (UE), **aktar minn 4,3 miljun assoċjazzjoni, kooperattiva, impriża ta' benefiċċju mutwu, fondazzjoni u intrapriża soċjali** jwettqu attivitajiet li jipprijoritizzaw l-objettivi soċjali u ambjentali fuq il-profitt u japplikaw mudelli ta' governanza parteċipattiva jew demokratika. Dawn l-organizzazzjonijiet jipprovdu mill-inqas **11,5 miljun impjieg**, li jirrappreżentaw madwar **6,3 % tal-impjiegi totali**, u joperaw f'varjetà ta' setturi, minn servizzi tal-kura għal servizzi finanzjarji, agroalimentari, bejgħ bl-imnut u kultura ([1]).

Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat il-**pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija soċjali** ([2]) bl-għan li tisfrutta l-potenzjal tal-ekonomija soċjali u tamplifika l-impatt tagħha. Għall-ewwel darba, il-Kummissjoni stabbiliet viżjoni u pjan direzzjonali, li jiddeskrivu sensiela ta' miżuri mmirati għat-titjib tal-kundizzjonijiet qafas, l-aċċess għal opportunitajiet ta' negozju u l-viżibilità tal-ekonomija soċjali sal-2030.

Minn dakinhar 'l hawn, is-sitwazzjoni ġeopolitika nbidlet, u sensiela ta' kriżijiet li jikkoinċidu wrew kif l-ekonomija soċjali taġixxi bħala **sors ta' reżiljenza** billi toħloq u żżomm impjiegi lokali, timmobilizza l-komunitajiet fi spirtu ta' solidarjetà, u tintervjeni fejn is-swieq jonqsu biex tippromwovi **tkabbir inklużiv**. Din tgħin biex il-prijoritajiet tal-UE jinbidlu f'**soluzzjonijiet effettivi għan-nies u għall-postijiet,** tixpruna l-innovazzjoni soċjali, twettaq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([3]) u l-Unjoni tal-Ugwaljanza, u tikkontribwixxi għal ekonomija aktar ċirkolari u reżiljenti.

Permezz tal-approċċ tagħhom minn isfel għal fuq u bbażat fuq il-komunità, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali **jsaħħu l-koeżjoni territorjali** fiż-żoni urbani u rurali, fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'dawk tal-fruntiera. Huma jagħtu kontribut dirett għat-**tnaqqis tal-faqar u għall-inklużjoni soċjali**, b'mod partikolari billi joħolqu perkorsi għall-impjiegi u billi jiżguraw aċċess affordabbli għas-servizzi. Billi jippermettu lin-nies jorganizzaw, jipparteċipaw u joħolqu soluzzjonijiet b'mod konġunt, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jwessgħu u jsaħħu l-**involviment ċiviku** u l-**ħajja demokratika**.

Fl-istess ħin, l-ekonomija soċjali tappoġġa l-**prosperità u l-kompetittività** tal-Ewropa. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jidderieġu l-innovazzjoni lejn il-ġid tas-soċjetà, billi jiżviluppaw modi ġodda biex iwasslu oġġetti u servizzi li jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali u jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja Ewropea. Irawmu l-intraprenditorija, speċjalment fost iż-żgħażagħ u l-gruppi żvantaġġati. Iġibu dawn l-innovazzjonijiet f'setturi ekonomiċi ewlenin, bħall-akkomodazzjoni u l-ekonomija ċirkolari, u jippromwovu mudelli li jsejsu l-valur lokalment.

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali **jagħtu spinta** lill-**kompetittività** billi **joħolqu impjiegi ta' kwalità, iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għal forza tax-xogħol kwalifikata**. L-iskop soċjali predominanti tagħhom u l-involviment tal-impjegati fit-teħid tad-deċiżjonijiet jippromwovi l-impjieg stabbli, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet sostnut. L-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol, pereżempju, jikkombinaw l-impjiegi ma' appoġġ imfassal apposta biex jinġiebu

lura fis-suq tax-xogħol nies bil-ħiliet u bl-għarfien meħtieġa biex jagħmlu tranżizzjoni mill-esklużjoni għal impjiegi sostenibbli.

L-ekonomija soċjali ssaħħaħ ukoll il-**preparatezza u l-awtonomija strateġika** tal-Ewropa, u tikkontribwixxi għal sovranità ekonomika akbar billi tagħmel l-industrija, is-servizzi u l-ktajjen tal-valur tagħna aktar robusti, diversi u integrati fil-komunitajiet lokali. Dan jinkludi soluzzjonijiet ta' kondiviżjoni tar-riskju bħal impriżi mutwi li jipprovdu kopertura ta' assigurazzjoni affordabbli lil unitajiet domestiċi, komunitajiet u negozji, u kooperattivi li jippromwovu industriji aktar nodfa u t-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' inizjattivi tal-enerġija komunitarja u mudelli ta' negozju ċirkolari.



L-Ewropej jesperjenzaw il-valur miżjud tal-ekonomija soċjali fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, kif muri mill-Ewrobarometru Speċjali dwar l-ekonomija soċjali fil-ħajja tal-Ewropej ([4]) ippubblikat f'Ottubru 2025.

Dan ir-rapport huwa r-riżultat tal-impenn li sar fil-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali biex jiġu rieżaminati l-implimentazzjoni u l-impatt tiegħu malli jkun nofs triq, jidentifika l-isfidi li fadal u jafferma mill-ġdid il-viżjoni tal-Kummissjoni għall-ekonomija soċjali fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid.

Barra minn hekk, kif iddikjara r-rapport Letta fl-2024, *"Much more than a market"*, iridu jiġu kkunsidrati miżuri ta' politika addizzjonali biex jiġi realizzat bis-sħiħ il-potenzjal tal-ekonomija soċjali ([5]). Huma meħtieġa miżuri ta' appoġġ immirati u oqfsa ta' abilitazzjoni biex jitqiesu l-mudelli uniċi ta' governanza tagħhom, ir-regoli tal-allokazzjoni tal-profitt u n-natura orjentata lejn l-impatt. F'konformità ma' din is-sejħa, dan ir-rapport iħares 'il quddiem u jeżamina fejn l-għodod eżistenti għandhom jissaħħu u fejn huma meħtieġa azzjonijiet ġodda biex jiġi massimizzat il-potenzjal tal-ekonomija soċjali. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan id-dokument jipprovdi dettalji ulterjuri dwar il-proċess ta' implimentazzjoni sal-lum u d-diversi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mwettqa mill-Kummissjoni.

2. PROGRESS U LEZZJONIJIET MIKSUBA MATUL L-IMPLIMENTAZZJONI

Il-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali huwa strutturat madwar tliet pilastri u jinkludi 63 azzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-azzjonijiet tlestew jew attwalment qegħdin jiġu

implimentati mill-Kummissjoni, filwaqt li għadd żgħir twaqqfu jew ġew orjentati mill-ġdid fid-dawl tal-evidenza u tal-iżviluppi tas-suq.

Din it-taqsima ssegwi l-istruttura tal-pjan ta' azzjoni mill-2021, billi tenfasizza l-kisbiet ewlenin u tislet tagħlimiet fejn l-isfidi jippersistu, u b'hekk twitti t-triq għal azzjonijiet ġodda.

2.1. Ħolqien ta' qafas xieraq għal ekonomija soċjali ta' suċċess

Wieħed mill-istadji ewlenin sa issa kien l-adozzjoni tar-**rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali** ([6]). Hija tipprovdi qafas komuni għall-Istati Membri biex jintegraw l-ekonomija soċjali fil-politiki tagħhom u joħolqu miżuri ta' appoġġ biex irawmu ambjent favorevoli għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Dan il-qafas illeġittima u aċċellera r-riformi nazzjonali. Bejn l-2021 u tmiem l-2025, **21 Stat Membru kienu adottaw jew kienu qed iħejju strateġiji nazzjonali jew reġjonali għall-ekonomija soċjali**. Barra minn hekk, 12-il Stat Membru kienu adottaw jew irriformaw liġijiet tal-ekonomija soċjali, u tnejn minnhom kienu fil-proċess li jagħmlu dan. Dan jirrappreżenta evoluzzjoni sinifikanti fix-xenarju strateġiku u leġiżlattiv u jirrifletti r-rikonoxximent li dejjem qed jikber fil-livell nazzjonali tal-ekonomija soċjali.

L-isforzi tal-Kummissjoni ġew appoġġati minn **momentum internazzjonali li qed jiżdied**. L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni kkontribwew għar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijet Uniti (NU) u l-konklużjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-ekonomija soċjali u solidali, u x-xogħol tal-Kummissjoni informa r-Rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar l-ekonomija soċjali u solidali u l-innovazzjoni soċjali.

Il-progress li sar sal-lum jikkonferma l-valur ta' viżjoni kondiviża tal-UE flimkien ma' appoġġ prattiku għall-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni organizzat **workshops ta' apprendiment reċiproku** dwar suġġetti bħall-għajnuna mill-Istat, it-tassazzjoni, l-istrateġiji tal-ekonomija soċjali, l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u d-data. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ([9]) qed jappoġġa lil ħames Stati Membri fit-tfassil tal-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom permezz ta' ħidma kollaborattiva u speċifika għall-pajjiż. Barra minn hekk, fl-2023, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jiddeskrivu l-oqfsa tat-taxxa eżistenti għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali ([7]) u t-tassazzjoni mhux diskriminatorja tal-organizzazzjonijiet tal-karità u d-donaturi tagħhom ([8]), u b'hekk stabbilew bażi ta' evidenza komuni u punt ta' referenza fl-UE.

Biex ittejjeb iċ-ċertezza legali u l-għarfien dwar l-għażliet ta' **għajnuna mill-Istat**, il-Kummissjoni ppubblikat **studju dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex tappoġġa l-aċċess tal-intrapriżi soċjali għall-finanzi u għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati** ([9]). Is-sejbiet ta' dan l-istudju se jipprovdu informazzjoni għar-reviżjoni attwali tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija ([10]). Barra minn hekk, minn Jannar 2024, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu japplikaw il-limiti massimi miżjuda tal-għajnuna *de minimis* ta' EUR 300 000 ([11]) u EUR 750 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' 3 snin għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([12]). Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-2025 tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali[13]) għandu l-għan li jagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex jappoġġaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni affordabbli, qasam li fih huma attivi l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

Minkejja l-progress li sar fil-livelli nazzjonali u internazzjonali, hemm **potenzjal sinifikanti mhux sfruttat fil-livelli reġjonali u muniċipali**, fejn l-awtoritajiet huma l-eqreb tal-pubbliku u tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Għalkemm l-inizjattivi żdiedu f'ħafna reġjuni u muniċipalitajiet f'dawn l-aħħar snin, l-iskambju ta' għarfien u prattiki bejniethom, speċjalment bejn il-fruntieri, għadu limitat.

Barra minn hekk, l-oqfsa legali restrittivi jikkawżaw inċertezza legali u jqajmu ostakli biex l-ekonomija soċjali tiġi appoġġata ulterjorment. L-awtoritajiet pubbliċi spiss ma jkollhomx il-kapaċità teknika f'oqsma bħall-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. Pereżempju, l-evalwazzjoni reċenti tad-**Direttivi dwar l-akkwist pubbliku** ([14]) turi **livelli varji ta' maturità fl-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali fil-prattiki tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri**. L-awtoritajiet kontraenti spiss isibuha diffiċli biex jibbilanċjaw l-objettivi ta' trasparenza u effiċjenza tas-suq mal-għanijiet ta' politika strateġika u qed jistennew gwida ċara dwar kif jinkiseb dan il-bilanċ.

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u ċ-ċirkolarità

*L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali huma kontributuri importanti għat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari. Huma attivi f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, mid-disinn u l-ġbir sat-tiswija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Huma jibdlu l-iskart f'riżorsi u joħolqu impjiegi lokali ta' kwalità fil-proċess, inkluż billi jagħmlu t-taħriġ u l-impjiegi disponibbli għal persuni fir-riskju tal-esklużjoni, ħafna drabi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi. L-**inizjattiva għal bliet u reġjuni ċirkolari** ([15]) turi kif strateġiji ċirkolari mmexxija mill-ibliet u mir-reġjuni, bħal hubs ta' użu mill-ġdid u tiswija appoġġati pubblikament, skemi ta' kostruzzjoni u demolizzjoni ċirkolari, u sistemi lokali ta' użu mill-ġdid tat-tessuti, jistgħu joħolqu opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali biex iwasslu soluzzjonijiet ċirkolari inklużivi, **inkluż billi jużaw l-akkwist pubbliku biex joħolqu domanda għal dawn is-servizzi permezz ta' prattiki ta' xiri ċirkolari u soċjalment responsabbli**. Il-mudelli tan-negozju tagħhom jikkontribwixxu biex jestendu l-ħajja tal-prodotti, inaqqsu l-emissjonijiet u jżommu l-materjali jiċċirkolaw fil-komunitajiet. L-**att li ġej dwar l-ekonomija ċirkolari** għandu l-għan li joħloq suq uniku għall-materja prima sekondarja, iżid il-provvista ta' materjali riċiklati ta' kwalità għolja, u jistimula d-domanda għalihom fl-UE, ilkoll oqsma li fihom l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali huma f'pożizzjoni tajba biex jikkontribwixxu.*

2.2. Ħolqien ta' opportunitajiet ta' żvilupp għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali

Biex jinħolqu opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali biex jibdew u jikbru, il-Kummissjoni introduċiet miżuri biex isaħħu l-ekosistema, jippromwovu aċċess aktar b'saħħtu għall-finanzi, jimmobilizzaw il-finanzjament, u jsaħħu l-bini tal-kapaċità u l-appoġġ għan-negozji.

L-aċċess għall-finanzi għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali żdied. Abbażi tal-istrumenti finanzjarji tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), **prodotti finanzjarji taħt it-Tieqa għall-Investiment Soċjali u l-Ħiliet tal-InvestEU** tnedew fl-2022. Madwar EUR 1,2 biljun f'garanziji ġew allokati lil sħab ta' implimentazzjoni għall-mikrofinanzjament, għall-intraprenditorija soċjali u għall-investiment b'impatt soċjali, li bbenefikaw minnhom madwar 90 000 riċevitur ta' appoġġ għall-mikrofinanzjament u madwar 3 000 intrapriża soċjali, b'mobilizzazzjoni mistennija ta' EUR 11,7 biljun

f'investimenti ([16]). Dawn l-istrumenti jipprovdu aċċess għal finanzjament ta' riskju għal mudelli ta' negozju li ħafna drabi ma jaqblux mal-profili standard tar-riskji u tal-gwadanji, flimkien ma' servizzi ta' żvilupp tan-negozju. Sal-lum, dan l-appoġġ diġà kkontribwixxa għall-ħolqien jew għaż-żamma ta' madwar 900 000 impjieg madwar l-UE u r-rapportar minn xi istituzzjonijiet ewlenin ta' mikrofinanzjament juri rati ta' sopravivenza estremament għoljin, filwaqt li jilħaq l-aktar gruppi vulnerabbli ([17]).

Biex iżżid ulterjorment l-impatt soċjali ta' dawn il-fondi, il-Kummissjoni qed tagħmel testijiet pilota ta' appoġġ imħallat li jikkombina strumenti finanzjarji tal-InvestEU ma' għotjiet taħt il-fergħa EaSI tal-Fond Soċjali Ewropew Plus ([18]) (FSE+). Is-sejħiet tal-FSE+ appoġġaw ukoll l-iżvilupp tas-swieq tal-finanzi soċjali permezz ta' aċċess aħjar għad-data tal-impatt għad-deċiżjonijiet ta' investiment, tnaqqis fil-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-investimenti ta' kapital ta' riskju f'intrapriżi soċjali, u tisħiħ tan-networks fil-livell tal-UE li jirrappreżentaw lill-forituri tal-mikrofinanzjament u tal-finanzjament tal-intrapriżi soċjali. B'mod parallel, diversi Stati Membri implimentaw strumenti finanzjarji ddedikati u skemi ta' għotjiet taħt l-FSE+ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ([19]) u xi investimenti u riformi speċifiċi ġew implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([20]). B'mod ġenerali, taħt il-baġit fit-tul attwali tal-UE (2021-2027), **huwa mistenni li jiġi mobilizzat ammont totali ta' aktar minn EUR 1,62 biljun f'għotjiet u fi strumenti finanzjarji** flimkien mal-EUR 1,2 biljun f'garanziji msemmija hawn fuq. Dan jissodisfa l-impenn tal-Kummissjoni li żżid il-livell ta' appoġġ tal-UE meta mqabbel mal-perjodu 2014-2020.

Il-Kummissjoni għenet ukoll lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jipprofessjonalizzaw, jespandu s-soluzzjonijiet tagħhom u juru r-riżultati tagħhom. **Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali ([21]) żviluppa ċentru ta' għarfien dinamiku u ħames komunitajiet ta' prattika**. Is-sejħiet għall-FSE+ tnedew mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-esperimentazzjoni soċjali, it-trasferiment ta' innovazzjonijiet soċjali ttestjati, u t-tkabbir tagħhom, inkluż billi jiġu stabbiliti ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-innovazzjoni soċjali. Ġew żviluppati għodod prattiċi, bħal kodiċi ta' kondotta għall-ġestjoni u għall-użu tad-data fl-ekonomija soċjali ([22]) u **gwida dwar approċċi proporzjonati għall-kejl u għall-ġestjoni tal-impatt soċjali** ([23]). **L-Akkademja tal-Politika tal-Intraprenditorija taż-Żgħażagħ**, inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni u l-OECD, **laqqgħet flimkien lil dawk li jfasslu l-politika u lin-networks ta' intraprendituri żgħażagħ** permezz ta' sensiela ta' workshops dwar il-politika u l-bini tal-kapaċità, bl-għan li tfassal politiki aħjar għall-intraprendituri żgħażagħ, inklużi l-intraprendituri soċjali.

Minkejja dan il-progress, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għadhom jiffaċċjaw diffikultajiet akbar min-negozji tradizzjonali biex jaċċessaw riżorsi finanzjarji minħabba l-mudelli kummerċjali speċifiċi tagħhom. Għalkemm l-istudji tas-suq jindikaw li l-investiment soċjali privat żdied fis-snin riċenti ([24])([25]), in-nuqqas ta' approċċ aktar strutturat u mifhum b'mod wiesa' biex il-kapital (paċenzjuż) jiġi dirett lejn objettivi soċjali, flimkien ma' redditi finanzjarji baxxi, illimita l-fiduċja u l-komparabbiltà, u skoraġġixxa lil investituri soċjali potenzjali. L-approċċi innovattivi ta' finanzjament baqgħu frammentati u fuq skala żgħira.

Barra minn hekk, il-kopertura u r-rikonoxximent ta' perkorsi ċari ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċitajiet għadhom mhux uniformi fis-setturi u fit-territorji. Ir-rabtiet mas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ huma frammentati, u l-approċċi kurrikulari, l-oqfsa ta' kompetenza kondiviża u l-evidenza robusta dwar l-intraprenditorija soċjali u inklużiva jibqgħu l-

eċċezzjoni. Għalkemm is-servizzi ta' inkubazzjoni u ta' aċċelerazzjoni espandew f'dawn l-aħħar snin, l-appoġġ imfassal apposta għall-intraprenditorija soċjali għadu rari u ħafna gruppi għadhom sottorappreżentati u mhux moqdija biżżejjed. B'riżultat ta' dan, it-talent u l-mudelli innovattivi ta' negozju soċjali mhux dejjem jirċievu l-appoġġ xieraq biex jirnexxu, u l-potenzjal li jinkiseb impatt soċjali aktar b'saħħtu mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ.

2.3. Tisħiħ tar-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali u l-potenzjal tagħha

Il-Kummissjoni żiedet il-viżibilità u l-kredibilità tal-ekonomija soċjali billi stabbiliet kanali ta' komunikazzjoni mal-pubbliku u ppromwoviet kampanji ta' sensibilizzazzjoni. **Il-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE** ([26]) **tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-politiki, il-finanzjament u l-inizjattivi tal-UE għall-ekonomija soċjali.** Mit-tnedija tiegħu fl-2023, is-sit web attira aktar minn 596 000 viżitatur ([27]) u joffri materjal utli għall-prattikanti tal-ekonomija soċjali u għal dawk li jfasslu l-politika.

Il-bażi tal-evidenza tal-UE dwar l-ekonomija soċjali ġiet estiża permezz ta' studju li jqabbel il-prestazzjoni soċjoekonomika tal-ekonomija soċjali fl-Istati Membri ([28]). Dan juri li l-ekonomija soċjali tiġġenera kemm valur ekonomiku kif ukoll soċjali, u jikkonferma l-valur miżjud ta' data aktar robusta u armonizzata biex jiġu vvalutati l-iżviluppi matul iż-żmien. L-Ewrobarometru Speċjali dwar l-ekonomija soċjali f'ħajjet l-Ewropej jipprovdi l-ewwel xenarju bażi tal-UE dwar il-perċezzjoni, l-għarfien, l-involviment u l-attitudnijiet tal-pubbliku, inklużi l-fehmiet dwar ir-rwol tal-azzjoni pubblika. Il-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni/OECD bl-isem *Social Economy in Europe: Contributing to Competitiveness and Prosperity* ([29]) ikkonsolidat ulterjorment l-għarfien, inkluż dwar arranġamenti istituzzjonali, tassazzjoni u appoġġ għan-negozji għall-ekonomija soċjali fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll informazzjoni settorjali dwar l-akkomodazzjoni u l-kura.

Madankollu għad fadal xi lakuni, partikolarment rigward il-komparabbiltà, minħabba kopertura u metodi mhux uniformi fl-Istati Membri. In-nuqqas ta' ġbir sistematiku ta' data bl-użu ta' definizzjonijiet armonizzati, sorsi amministrattivi u għodod statistiċi estiżi, bħal kontijiet satellita, jagħmilha diffiċili li jiġi monitorjat il-progress u jillimita l-viżibilità pubblika tar-riżultati. Filwaqt li r-riċerka mmirata u l-kooperazzjoni permezz ta' gruppi ta' esperti għenu biex javvanzaw il-qafas għall-ġbir u għall-analiżi ta' data, huma meħtieġa skambji aktar sostnuti biex jinformaw aħjar it-tfassil tal-politika. Fl-aħħar nett, l-għarfien u l-użu tal-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE jistgħu jiżdiedu, u l-partijiet ikkonċernati jitolbu rapportar aktar sistematiku dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

3. INHARSU 'L QUDDIEM: AZZJONIJIET ĠODDA BIEX TISSAĦĦAĦ L-EKONOMIJA SOĊJALI

B'ħarsa 'l quddiem, il-Kummissjoni beħsiebha tibni fuq il-progress li sar sa issa u beħsiebha tindirizza l-ostakli li fadal għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-ekonomija soċjali tal-UE. Filwaqt li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 qiegħda tiġi implimentata, il-livell ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali għadu jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri u fil-livelli ta' governanza. Għad hemm bżonn ta' appoġġ immirat mill-UE biex l-istrateġiji tal-ekonomija soċjali jwasslu għal miżuri effettivi u jipprovdu qafas stabbli għat-tkabbir tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

Għalhekk, il-fażi li jmiss tal-implimentazzjoni għandha tipprijoritizza azzjonijiet li jappoġġaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi u li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali joperaw fis-suq uniku mingħajr ostakli, isaħħu l-aċċess għat-talent, it-taħriġ u l-finanzi, u jipprovdu evidenza sistematika u komparabbli biex jinformaw it-tfassil tal-politika u d-deċiżjonijiet ta' investiment u biex jesponu l-impatt tal-ekonomija soċjali.

Il-viżjoni tagħna għas-snin li ġejjin hija ċara:

- Irridu **ekonomija soċjali kompetittiva**, li topera f'kundizzjonijiet ekwi ma' atturi ekonomiċi oħra u fis-suq uniku kollu, u li tikkontribwixxi għal ambjent kummerċjali dinamiku li jwassal għal prosperità u benesseri sostenibbli għan-nies u għall-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa. Dan għandu jiġi appoġġat minn oqfsa ta' politika u minn oqfsa legali integrati,
- Irridu **ekonomija soċjali robusta** b'aċċess għall-finanzi adattat għall-bżonnijiet tagħha u mrawwma minn perkorsi ta' apprendiment, inkubazzjoni u aċċelerazzjoni rikonoxxuti li jiżviluppaw kemm it-talent individwali kif ukoll il-kapaċità organizzazzjonali.
- Irridu **ekonomija soċjali rikonoxxuta**, li tkun ibbażata fuq evidenza u viżibilità qawwija, li tippermetti lil dawk li jfasslu l-politika, lis-swieq u lill-pubbliku jirrikonoxxu l-valur miżjud tagħha, u b'hekk iżżid l-impatt tagħha madwar l-UE.

Din il-viżjoni hija allinjata bis-sħiħ mal-approċċ stabbilit fil-pjan ta' azzjoni tal-2021 u t-tliet pilastri tiegħu. B'ħarsa 'l quddiem, dan ir-rapport huwa organizzat madwar tliet prijoritajiet u ħames oqsma ewlenin ta' azzjoni, billi jibni fuq ir-riżultati tat-63 azzjoni mill-2021 u jżid miżuri ġodda identifikati permezz ta' dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu. Dan se jservi bħala r-referenza għal monitoraġġ u rapportar futuri dwar il-pjan ta' azzjoni.

Fl-aħħar nett, l-ilħuq ta' din il-viżjoni jeħtieġ sforz konġunt. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali u jqisu s-sejbiet u l-azzjonijiet ġodda stabbiliti f'dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu meta jsegwu l-istrateġiji u l-miżuri ta' politika tagħhom.

3.1. Oqfsa integrati għal ekonomija soċjali kompetittiva

L-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju kollu kemm hu huma ta' benefiċċju għall-ekonomija soċjali billi jnaqqsu l-ostakli operazzjonali u joħolqu aktar opportunitajiet għat-tkabbir. Inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, l-approfondiment tas-suq uniku u l-avvanz tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment jistgħu jgħinu biex l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jiġu integrati fil-ktajjen tal-valur tradizzjonali, biex jiġi mobilizzat il-kapital privat u biex jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzi. Is-simplifikazzjoni tista' tnaqqas ukoll il-piżijiet amministrattivi sproporzjonati u l-kostijiet ta' konformità li spiss jiffaċċjaw organizzazzjonijiet iżgħar.

L-ekonomija soċjali teħtieġ oqfsa ta' politika u legali integrati biex tespandi u tippromwovi soluzzjonijiet sostenibbli u innovattivi. Meta jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet it-tajba, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jiffjorixxu fis-setturi u fit-territorji ekonomiċi kollha, u b'hekk iġibu impjiegi, prodotti u servizzi ta' kwalità għal kulħadd fl-UE, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli. Għalhekk, it-titjib tal-

kundizzjonijiet qafas u l-iżgurar li l-politiki jiġu implimentati fejn huma importanti, inkluż fir-reġjuni u fil-muniċipalitajiet, huwa partikolarment importanti.

Qasam ta' azzjoni ewlieni 1: It-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli u l-implimentazzjoni fil-prattika

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom rwol ewlieni fl-istabbiliment tal-qafas strateġiku u legali ġenerali għall-ekonomija soċjali. Sadanittant, l-awtoritajiet reġjonali u lokali spiss jaġixxu bħala pont bejn it-tfassil tal-politika nazzjonali u l-implimentazzjoni lokali u huma kruċjali biex il-prijoritajiet nazzjonali jiġu mfassla skont il-ħtiġijiet lokali. Jistgħu jappoġġaw direttament u jissieħbu ma' organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali biex jilħqu l-objettivi ta' politika tagħhom.

Approċċ aktar ikkoordinat u informat jipprovdi lil dawn l-awtoritajiet b'qafas ta' politika aktar ċar u aktar effettiv biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali u biex jimmassimizzaw l-impatt tagħha u jippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jikkondividu s-suċċessi u l-isfidi tagħhom.

Il-Kummissjoni se:

- **Tiżviluppa sett ta' għodod biex tappoġġa l-politiki tal-ekonomija soċjali reġjonali u lokali**.
- **Tagħti spinta lill-ħidma tagħha mal-awtoritajiet pubbliċi, il-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati u n-networks biex tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti konġunti**, **u miżuri effettivi għall-ekonomija soċjali fit-territorji kollha**, filwaqt li tappoġġa u tikkomplementa l-isforzi nazzjonali. Se tingħata attenzjoni speċifika liż-żoni rurali fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni rurali tal-UE ([30]), il-patt rurali, u l-istrateġija dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura ([31]).
- **Tippubblika rapport ta' rendikont dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali** fl-2028.
- Tinkorpora l-ekonomija soċjali fil-kooperazzjoni esterna u d-djalogi internazzjonali billi **tipprovdi taħriġ speċifiku, żvilupp tal-ħiliet u appoġġ għall-intraprenditorija soċjali lill-awtoritajiet pubbliċi** u billi **timplimenta proġetti f'pajjiżi mhux tal-UE**, inklużi pajjiżi kandidati (potenzjali), bħall-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali li ġej għall-Viċinat tan-Nofsinhar, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Patt għall-Mediterran ([32]).

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u l-kultura u t-turiżmu

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali huma l-ixprunaturi tal-vitalità kulturali, l-innovazzjoni kreattiva u t-turiżmu sostenibbli tal-Ewropa. Huma jappoġġaw l-industriji kulturali u kreattivi u l-forza tax-xogħol tagħhom. Huma jippreservaw u jippromwovu l-wirt kulturali, billi jipprovdu spazji aċċessibbli għall-parteċipazzjoni kulturali u għall-ħajja komunitarja fil-viċinanzi u fiż-żoni rurali.

Fl-industriji kreattivi u kulturali, l-ekonomija soċjali tippromwovi l-esperimentazzjoni, il-kollaborazzjoni u s-sjieda kondiviża f'oqsma li jvarjaw mill-media u l-arti tal-ispettaklu għad-disinn u l-artiġjanat. Fit-turiżmu, inizjattivi mmexxija mill-komunità jippromwovu

attivitajiet sostenibbli li jipproteġu l-pajsaġġi, jappoġġaw in-negozji lokali u jiżguraw li l-benefiċċji jibqgħu fil-komunità.

Billi torbot il-kultura, il-kreattività u t-turiżmu sostenibbli, l-ekonomija soċjali ssaħħaħ l-identità territorjali, tagħti s-setgħa lill-popolazzjonijiet lokali u tiddiversifika l-ekonomiji lokali, toħloq impjiegi u tikkontribwixxi għal żvilupp aktar reżiljenti u ċċentrat fuq in-nies tar-reġjuni tal-Ewropa. *Il-Kummissjoni se tappoġġa sħubijiet tranżnazzjonali biex tittestja u tkabbar mudelli ta' turiżmu sostenibbli mmexxija mill-komunità bbażati fuq prinċipji tal-ekonomija soċjali. Barra minn hekk, l-**Istrateġija li jmiss tal-UE għal Turiżmu Sostenibbli** se jkollha l-għan li ssawwar mudell ta' turiżmu kompetittiv, sostenibbli u inklużiv li jappoġġa l-komunitajiet lokali.*

Qasam ta' azzjoni ewlieni 2: It-tħaddim tar-regoli u l-oqfsa għall-ekonomija soċjali

L-akkwist pubbliku jista' jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi bħala għodda strateġika biex iwasslu servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u biex isegwu objettivi ta' politika speċifiċi, bħall-promozzjoni tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, it-titjib tal-aċċessibbiltà u d-disinn inklużiv għal kulħadd, u l-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista responsabbli. Għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, l-akkwist pubbliku joħloq rotot li jtejbu l-aċċess tagħhom għas-swieq u jippermettulhom jipprovdu servizzi lill-komunità. Madankollu, l-evidenza turi li l-prattiki tal-irħas prezz jibqgħu n-norma dominanti, u l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku mhumiex applikati sistematikament jew b'mod konsistenti.

Barra minn hekk, **il-kooperazzjoni man-negozji tradizzjonali**, inkluż permezz tal-provvista ta' merkanzija u servizzi, tista' ssaħħaħ l-ekonomija soċjali u tgħin lin-negozji jilħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tagħhom. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali spiss ikollhom rwol żgħir fil-ktajjen tal-provvista minħabba nuqqas ta' fehim reċiproku, ostakli kulturali u operazzjonali, u appoġġ strateġiku insufiċjenti biex itejbu l-aċċess għas-suq u jiżviluppaw ktajjen ta' valur settorjali ġodda.

Il-Kummissjoni se:

- **Tesplora opportunitajiet biex tippromwovi l-adozzjoni ta' prattiki ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli**, inkluż l-użu tal-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità u tan-negozjar kollettiv, fil-kuntest tar-**reviżjoni li għaddejja tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku tal-UE**, u tinkludi **gwida** dwar l-implimentazzjoni tagħhom fis-sett ta' għodod tagħha biex tappoġġa l-politiki tal-ekonomija soċjali reġjonali u lokali.
- Tippromwovi integrazzjoni aktar sistematika tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali fil-ktajjen tal-valur tan-negozji tradizzjonali billi, *inter alia*, **tniedi sejħa għal proposti biex iżżid is-sħubijiet bejn in-negozji.**

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u l-enerġija

L-ekonomija soċjali għandha rwol fl-iżgurar li t-tranżizzjoni lejn l-enerġija ekoloġika tkun ġusta u inklużiva. Il-komunitajiet tal-enerġija u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini jippermettu lill-atturi lokali li jkollhom u jiġġestixxu b'mod kollettiv assi tal-enerġija rinnovabbli, minn parks fotovoltajċi u eoliċi sa sistemi ta' tisħin distrettwali. Dawn l-organizzazzjonijiet iżommu l-valur fil-komunità, jippermettu liċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod attiv fit-tranżizzjoni u jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku, pereżempju billi jtejbu l-aċċess ta' gruppi vulnerabbli għal prezzijiet tal-

enerġija affordabbli. Jistgħu wkoll jiġġeneraw opportunitajiet ta' impjieg lokali ta' kwalità għolja f'oqsma bħall-installazzjoni, il-manutenzjoni u s-servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija.

*Biex l-azzjoni klimatika tintrabat ma' benefiċċju tanġibbli tal-komunità, huwa importanti ħafna li l-atturi tal-ekonomija soċjali jiġu rikonoxxuti fil-pjanijiet nazzjonali tal-enerġija u l-klima, li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-grilji u l-finanzi, u li jitqiesu fl-inizjattivi ta' finanzjament tal-UE u fil-programmi u fil-pjanijiet iffinanzjati mill-UE u ġestiti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-adozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum, bħala parti mill-**pakkett tal-enerġija għaċ-ċittadin**. Fost oħrajn, il-pjan se jippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien u se jsaħħaħ il-bażi tal-evidenza dwar il-komunitajiet tal-enerġija, inkluż billi **jappoġġa komunità ta' prattika ddedikata għax-xerrejja pubbliċi** u se jidentifika l-kundizzjonijiet li jippermettu inizjattivi tal-enerġija mmexxija miċ-ċittadini. L-awtoritajiet lokali jista' jkollhom ukoll rwol ewlieni bħala dawk li jippermettu inizjattivi bħal dawn u se jiġu appoġġati biex iwettqu dan il-potenzjal.*

L-għajnuna mill-Istat hija wkoll għodda importanti biex tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jappoġġaw l-ekonomija soċjali. Pereżempju, organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali li jipprovdu servizzi soċjali u tas-saħħa jistgħu jiltaqgħu ma' limitazzjonijiet fl-aċċess għall-appoġġ minħabba d-dipendenza kbira fuq il-limitu massimu tal-għajnuna *de minimis*, li jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu għajnuna sa ċertu limitu mingħajr ma jinnotifikawha lill-Kummissjoni. Filwaqt li dan jista' jgħin servizzi fuq skala żgħira, il-forituri tas-servizzi soċjali jeħtieġu opportunitajiet ta' finanzjament aktar sostanzjali li jkunu allinjati mal-għanijiet ta' interess pubbliku, iżda dawk huma meqjusa bħala legalment riskjużi.

Il-Kummissjoni se:

- **Taħdem fuq ir-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija u se tiċċara r-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat** biex tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli għall-awtoritajiet pubbliċi biex jiffinanzjaw l-ekonomija soċjali lil hinn mill-għajnuna *de minimis*. ([33])
- **Tiżviluppa gwida ddedikata biex tassisti lill-Istati Membri meta jkunu qed ifasslu miżuri ta' għajnuna mill-Istat għal appoġġ soċjali u investiment soċjali**, kif imħabbar fil-komunikazzjoni dwar *It-Twettiq tal-Patt għal Industrija Nadifa I* ([34]).

Fl-aħħar nett, biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali fis-suq uniku, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġi żgurat li l-oqfsa legali u fiskali jkunu adattati aħjar għall-karatteristiċi speċifiċi tal-mudelli tan-negozju tal-ekonomija soċjali.

Il-Kummissjoni se:

- **Tkompli tippromwovi oqfsa legali li jappoġġaw l-ekonomija soċjali**. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' skemi ta' akkwiżjoni mill-impjegati stess permezz ta' implimentazzjoni b'suċċess tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trasferimenti tan-negozji.
- **Tivvaluta l-ħtieġa li ttejjeb oqfsa legali mmirati** fejn xieraq, bħall-istatut tas-Soċjetà Kooperattiva Ewropea.
- **Tesplora permezz ta' studju jekk in-negozji xprunati mill-impatt jiffaċċjawx ostakli distinti** bħar-rikonoxximent u l-aċċess għall-finanzjament, bl-għan li tinforma azzjoni politika futura possibbli biex tiffaċilita l-kejl u l-komunikazzjoni tal-impatt soċjetali u mġiba kummerċjali responsabbli oħra.
- **Twettaq analiżi fil-fond tal-miżuri nazzjonali tat-taxxa għall-ekonomija soċjali flimkien mal-OECD,** inklużi politiki tat-taxxa li jinċentivaw l-investimenti f'organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

3.2. L-investiment, il-ħiliet u l-kapaċità għal ekonomija soċjali robusta

Ekonomija soċjali robusta teħtieġ kemm ekosistema finanzjarja li tiffunzjona sew kif ukoll ħiliet u kapaċità organizzazzjonali b'saħħithom. It-tfassil ta' oqfsa aktar ċari għall-investiment soċjali u t-tisħiħ tal-ħiliet, l-inkubazzjoni u l-appoġġ għall-intraprenditorija, kif ukoll perkorsi ta' apprendiment iddedikati għall-intraprenditorija soċjali, huma essenzjali biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jattiraw it-talent, jikbru, jinnovaw u jirrispondu għall-ħtiġijiet soċjali urġenti.

Qasam ta' azzjoni ewlieni 3: It-tisħiħ tal-ekosistema tal-investiment soċjali

Minħabba d-diversità tal-mudelli tal-ekonomija soċjali u n-natura dinamika tal-impatt soċjali, l-investimenti soċjali ma jistgħux jinqabdu faċilment b'definizzjonijiet fissi jew bi kriterji uniformi. Madankollu, il-ħolqien gradwali ta' punti ta' referenza kondiviżi u ta' prattiki ta' rapportar jista' jnaqqas l-inċertezza għall-investituri u għall-intermedjarji, itejjeb il-komparabbiltà fejn meħtieġ, u jgħin biex jiġu kkontrollati l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet.

Biex tittejjeb il-fiduċja u l-komparabbiltà u biex l-investimenti jkunu jistgħu jiġu diretti lejn objettivi soċjali fuq skala kbira, **il-Kummissjoni se:**

- **Issaħħaħ il-qafas għall-investiment soċjali privat** billi tikkonsolida u tissistematizza l-istandards, id-definizzjonijiet tal-kejl, il-kunċetti u l-metodi l-aktar rilevanti. Għal dan l-għan, **f'kooperazzjoni mal-OECD, se tesplora qafas volontarju xprunat mis-suq ta' objettivi investibbli appoġġati minn mudelli u minn indikaturi tal-eżitu.** Dan se jgħin lill-investituri jiddisinjaw, jivvalutaw u jqabblu strateġiji ta' investiment b'mod konsistenti u flessibbli.
- **Tuża r-rieżami li ġej tar-reġim tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju** [35] (EuVECA) bħala opportunità biex tivvaluta l-effettività tal-qafas regolatorju għall-investituri tal-kapital ta' riskju u tat-tkabbir. Il-progress f'dan il-qasam se jkun ta' benefiċċju wkoll għall-investiment b'impatt soċjali, inklużi l-utenti tat-tikketta tal-fond ta' intraprenditorija soċjali Ewropew [36] (EuSEF).

L-ekonomija soċjali teħtieġ finanzjament li jirrifletti l-mudelli ta' governanza tagħha, il-profili tar-riskji u tal-gwadanji u ħafna drabi l-ħtiġijiet fuq skala żgħira. Lakuni fil-bażi tal-evidenza dwar min jiffinanzja l-ekonomija soċjali, l-adegwatezza tal-prodott finanzjarju u l-impatt fuq il-benefiċjarji jirrestringu t-tfassil u l-użu ta' strumenti

finanzjarji xierqa u t-tkabbir tagħhom. Is-selliefa tradizzjonali għadhom kawti, l-intermedjarji speċjalizzati ma għandhomx viżibilità fis-suq, il-kostjiet għoljin tat-tranżazzjonijiet jiskoraġġixxu investimenti iżgħar u r-restrizzjonijiet fuq ir-regoli tar-ridistribuzzjoni tal-profitt f'intrapriżi soċjali jillimitaw l-investimenti fl-ekwità. Hekk kif l-UE qed tħejji l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, huwa kruċjali li jitfasslu perkorsi ta' finanzjament u assistenza teknika li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jaċċessaw il-finanzi fit-territorji kollha u jagħmlu użu sħiħ mill-fondi u mill-istrumenti tal-UE.

Biex tifhem aħjar il-finanzi tal-ekonomija soċjali u tirfina l-istrumenti finanzjarji, **il-Kummissjoni se**:

- **Tħejji rapport** taħt il-Hub ta' Konsulenza għall-InvestEU **dwar l-intermedjarji finanzjarji** li jservi lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u rapport ieħor mal-grupp ta' esperti dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali tagħha (GECES) **dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi** għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.
- **Tmexxi valutazzjoni pilota tal-impatt u tar-riżultati fil-livell benefiċjarju tal-istrumenti finanzjarji tal-InvestEU għall-mikrofinanzjament u għall-intrapriża soċjali**.
- **Tesplora l-fattibbiltà li jiġu replikati soluzzjonijiet innovattivi biex timmobilizza l-kapital privat**, pereżempju billi tniedi studju dwar l-użu potenzjali ta' assi inattivi biex jinħolqu garanziji pubbliċi u tippubblika manwal għall-maniġers tal-assi u għal dawk li jfasslu l-politika dwar ir-replikar tal-mudell Franċiż tal-fondi 90-10.
- **Tirrieżamina l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta Tajba għall-Provvediment ta' Mikrokreditu** sabiex il-mikrofinanzjament ikompli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-intraprendituri sottorappreżentati u tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-Kodiċi aġġornat se jkollu l-għan li jsaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-mikrofinanzjament, jallinja l-qafas mar-realtajiet ġodda fl-ekonomija soċjali u jagħmel iċ-ċertifikazzjoni aktar aċċessibbli, effiċjenti u ta' appoġġ għal mudelli istituzzjonali diversi.

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u l-akkomodazzjoni

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għandhom rwol ewlieni fil-provvista u fil-finanzjament tal-aċċess għal soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli, immexxija mill-komunità u soċjalment inklużivi u aċċessibbli. Mudelli bħal assoċjazzjonijiet tal-abitazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew bi skop ta' qligħ limitat, kooperattivi, fondazzjonijiet u trusts tal-artijiet komunitarji jistgħu jibnu, jippromwovu, jippossjedu jew jiġġestixxu unitajiet tal-abitazzjoni, filwaqt li jerġgħu jinvestu s-surpluses u jippermettu lir-residenti jipparteċipaw direttament fil-mod kif huma mmexxija. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jgħinu biex inaqqsu n-nuqqas kontinwu ta' akkomodazzjoni u l-volatilità tal-prezzijiet, u b'hekk iżommu l-prezzijiet affordabbli fit-tul. Jistgħu wkoll jiżviluppaw viċinati inklużivi billi jikkombinaw l-akkomodazzjoni ma' opportunitajiet ta' impjieg u servizzi soċjali u komunitarji f'żoni rurali u urbani. L-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali fl-istrateġiji tal-akkomodazzjoni, l-għoti ta' għajnuna biex dawn jegħlbu l-ostakli tekniċi, regolatorji u leġiżlattivi u l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għal finanzi xierqa, jistgħu jippermettulhom jikkontribwixxu aktar biex jitwettaq id-dritt għal akkomodazzjoni deċenti, affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità

f'kull pajjiż, speċjalment f'żoni bi pressjoni fuq l-akkomodazzjoni u għal gruppi vulnerabbli. ***Il-pjan Ewropew għall-akkomodazzjoni affordabbli ([37]) jistabbilixxi qafas komprensiv għal azzjoni fil-livelli kollha u opportunitajiet finanzjarji f'dan ir-rigward u jenfasizza li l-Kummissjoni se tiffaċilita investimenti f'forniturі ta' akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ u bi skop ta' qligħ limitat.***

Qasam ta' azzjoni ewlieni 4: It-tisħiħ tal-ħiliet, it-taħriġ u l-intraprenditorija

L-intraprenditorija soċjali mhijiex mgħallma sistematikament fl-edukazzjoni formali, u ħafna organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, speċjalment fl-istadji tal-bidu u tat-tkabbir, għad ma għandhomx aċċess għal żvilupp ta' ħiliet imfassla apposta u għal appoġġ organizzazzjonali. L-appoġġ għall-intraprenditorija inklużiva mhuwiex konsistenti u ħafna drabi ma jirriflettix b'mod adegwat il-mudelli tal-ekonomija soċjali, partikolarment għal intraprendituri aspiranti minn gruppi sottorappreżentati li jiltaqgħu ma' ostakli moħbija meta jippruvaw jaċċessaw servizzi ta' inkubazzjoni, networks u finanzi.

F'konformità mal-viżjoni deskritta fl-Unjoni tal-Ħiliet, **il-Kummissjoni se**:

- **Tippromwovi mudelli ta' inkubazzjoni tan-negozju soċjali u inklużivi permezz ta' sejħa ddedikata għal proposti**, u **tappoġġa oqfsa ta' kompetenza rikonoxxuti għall-intraprenditorija soċjali**, *inter alia* permezz ta' azzjonijiet ta' apprendiment reċiproku.
- Flimkien mal-OECD, **se ttejjeb il-bażi tal-għarfien dwar l-intraprenditorija soċjali u inklużiva** permezz ta' studji dwar l-integrazzjoni tal-intraprenditorija soċjali fil-kurrikuli nazzjonali u l-perkorsi tal-apprendiment, ir-rwol tal-intraprenditorija soċjali fl-attivazzjoni ta' dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs, not in education, employment or training) u l-formalizzazzjoni tax-xogħol, u edizzjoni ġdida tar-rapport dwar l-Intraprendituri Neqsin.

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u t-trasformazzjoni diġitali

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali qed jiżviluppaw u qed jużaw soluzzjonijiet diġitali affidabbli u inklużivi li jservu l-interess pubbliku u jnaqqsu d-distakk diġitali. L-istrutturi ta' governanza tagħhom jagħmluhom promoturi ideali tal-intendenza responsabbli tad-data, minn kooperattivi ta' pjattaformi diġitali għal kumpaniji tat-teknoloġija soċjali li jippromwovu l-aċċessibbiltà, il-kura u l-edukazzjoni. Huma jittrattaw id-data bħala riżorsa kondiviża, u jiżguraw li l-informazzjoni tinġabar, tintuża u tiġi ġestita b'mod li jirrispetta l-privatezza, id-drittijiet fundamentali, it-trasparenza u l-interessi tal-komunità. Barra minn hekk, ***l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jgħinu lill-ħaddiema u lill-benefiċjarji jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-ħiliet diġitali tagħhom, u jippromwovu ekosistema diġitali fejn it-teknoloġija ttejjeb kemm il-koeżjoni soċjali kif ukoll il-kompetittività.*** *Il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-bażi tal-evidenza dwar id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali fl-ekonomija soċjali biex tappoġġa l-adozzjoni ta' teknoloġiji affidabbli, aċċessibbli u inklużivi, inkluži teknoloġiji ta' reġistru distribwit, u biex tifhem aħjar l-implikazzjonijiet tagħhom għall-organizzazzjonijiet u l-forza tax-xogħol tagħhom.*

3.3. Evidenza, viżibbiltà u għarfien għal ekonomija soċjali rikonoxxuta

Sabiex l-ekonomija soċjali tkun rikonoxxuta u vvalutata bis-sħiħ madwar l-UE, teħtieġ bażi ta' evidenza aktar b'saħħitha u statistika aktar aċċessibbli u komparabbli madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tfassil ta' politika xprunat mid-data b'appoġġ għall-ekonomija soċjali jeħtieġ informazzjoni ċara u aċċessibbli, data diżaggregata u komunikazzjoni regolari, kif ukoll punt uniku ta' dħul għar-riżorsi tal-UE.

Qasam ta' azzjoni ewlieni 5: Il-bini tal-bażi tal-evidenza tal-ekonomija soċjali

Attwalment, id-data dwar l-ekonomija soċjali hija frammentata, b'metodoloġiji differenti li jillimitaw il-kapaċità ta' dawk li jfasslu l-politika li jfasslu miżuri effettivi, jimmonitorjaw il-progress u juru l-impatt. L-espansjoni tal-istatistika u t-triq lejn approċċ aktar sistematiku għall-ġbir ta' data se jgħinu biex jiġu allinjati l-kunċetti, jittejjeb kemm id-disinn kif ukoll l-immirar tal-politiki, u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, għas-swieq u għall-pubbliku, jiġi enfasizzat il-kontribut tal-ekonomija soċjali għal ekonomija kompetittiva u inklużiva.

Sabiex tespandi u tippromwovi d-data u l-għarfien statistiku u tibni bażi ta' evidenza tal-ekonomija soċjali, il-Kummissjoni se:

- **Taħdem lejn approċċ aktar sistematiku għall-ġbir ta' data**, inkluż billi tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kontijiet satellitari tal-ekonomija soċjali, kif ukoll billi tiffinanzja proġetti pilota nazzjonali biex tinġabar data dwar l-ekonomija soċjali permezz tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozji u l-Istħarriġiet dwar l-Istruttura tal-Pagi, billi tagħmel użu minn sorsi amministrattivi kull fejn ikun possibbli biex tevita piżijiet addizzjonali ta' rapportar.
- **Tespandi l-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE biex ittejjeb il-kondiviżjoni tad-data u żżid it-trasparenza,** filwaqt li tipprovdi aċċess simplifikat għal pubblikazzjonijiet, settijiet ta' data, metodoloġiji u portali nazzjonali.
- **Taġġorna l-immappjar tal-UE tal-intrapriżi soċjali** ([38]).
- Tippubblika rapport mill-GECES li fih rakkomandazzjonijiet prattiċi dwar il-ġbir ta' data dwar l-ekonomija soċjali.

Enfasi fuq: L-ekonomija soċjali u d-demokrazija

Skont l-Ewrobarometru Speċjali dwar l-ekonomija soċjali f'ħajjet l-Ewropej, matul l-aħħar 5 snin, 18 % tal-Ewropej għamlu volontarjat għal organizzazzjoni tal-ekonomija soċjali u 13 % huma membri. ***Madankollu, l-għarfien dwar il-kunċett tal-ekonomija soċjali huwa moderat u jvarja ħafna bejn l-Istati Membri.*** *L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jikkontribwixxu għal soċjetà aktar demokratika billi jiffokaw fuq l-involviment taċ-ċittadini, is-soluzzjoni tal-problemi tal-komunità u l-governanza parteċipattiva. Spiss jaġixxu bħala "skejjel tad-demokrazija", billi jippromwovu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-fiduċja fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għalhekk, l-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi għal diversi inizjattivi tal-UE dwar id-demokrazija u l-involviment ċiviku, bħat-****Tarka Ewropea għad-Demokrazija*** *([39]), u tibbenefika minnhom. Ekonomija soċjali b'saħħitha tista' wkoll tikkontribwixxi għal spazju ċiviku vibranti billi ssaħħaħ il-kapaċità, il-viżibilità u l-kooperazzjoni transfruntiera tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. F'konformità mal-****istrateġija tal-***

UE għas-soċjetà ċivili *([40]), il-Kummissjoni qed tieħu passi biex toħloq ambjenti ta' aktar appoġġ għal dawn l-organizzazzjonijiet, li ħafna minnhom jifformaw parti mill-ekonomija soċjali, inkluži miżuri biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta għall-organizzazzjonijiet tal-karità u biex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għas-servizzi finanzjarji.*

4. KONKLUŻJONI: AĠENDA MĠEDDA GĦAL EKONOMIJA SOĊJALI AKTAR B'SAĦĦITHA

Mill-adozzjoni tiegħu fl-2021, il-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali injetta momentum ġdid fl-ekonomija soċjali fl-Ewropa. Dan ipprovda qafas koerenti tal-UE, immobilizza firxa wiesgħa ta' strumenti u programmi, u għolla l-profil tal-ekonomija soċjali fl-aġendi nazzjonali u tal-UE. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali diġà rriżultaw fi progress tanġibbli. Aktar Stati Membri qed jiżviluppaw strateġiji, oqfsa legali u flussi ta' finanzjament. Qed jitfaċċaw strutturi ta' appoġġ ġodda, u l-awtoritajiet pubbliċi, l-atturi finanzjarji u l-pubbliku qed isiru aktar konxji tal-ekonomija soċjali. Dawn l-avvanzi juru r-rilevanza tal-pjan ta' azzjoni u jikkonfermaw li azzjoni mmirata tal-UE tista' tiġġenera benefiċċji tanġibbli għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u għall-komunitajiet li jservu.

Madankollu, għad hemm lakuni u sfidi sinifikanti. L-ekonomija soċjali għadha mhijiex rikonoxxuta jew appoġġata b'mod konsistenti fl-Istati Membri u fir-reġjuni kollha. Ħafna organizzazzjonijiet għadhom jiffaċċjaw inċertezza legali u diffikultajiet biex jaċċessaw it-taħriġ, is-swieq u l-finanzi. Il-potenzjal tal-ekonomija soċjali għadu ma ġiex integrat biżżejjed fil-politiki ġenerali. Dan joħloq kundizzjonijiet mhux ugwali, li huma aggravati mill-mudell kummerċjali distint tiegħu. Biex jiġi żgurat li l-ekonomija soċjali tkun tista' tiffjorixxi fit-territorji u fis-setturi kollha, il-fażi li jmiss tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni trid tipprijoritizza l-għeluq ta' dawn il-lakuni.

Il-Kummissjoni se tfittex li tintegra ulterjorment l-ekonomija soċjali fil-politiki u fil-programmi tal-UE. Għal dan l-għan**,** tappella lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u lil aġenziji u korpi oħra tal-UE biex jikkollaboraw biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' din l-aġenda.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni huwa essenzjali. Għal dan l-għan, **il-Kummissjoni se żżomm approċċ ikkoordinat u integrat fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni**. Il-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE se jipprovdi aġġornamenti regolari dwar il-proċess ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023, l-Istati Membri huma rakkomandati li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-progress tagħhom fl-appoġġ tal-ekonomija soċjali fl-2027 u fl-2032. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Ekonomija Soċjali u l-Intrapriżi Soċjali se jibqa' pjattaforma ewlenija għad-djalogu, għall-apprendiment bejn il-pari u għall-kokreazzjoni.

Billi nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija soċjali, nistgħu nsawru Ewropa li tpoġġi l-komunitajiet u l-pjaneta fil-qalba tagħha, u dan iwitti t-triq għal futur aktar ġust, sostenibbli u kompetittiv.

([1]) "Benchmarking the socio-economic knowledge of the proximity and social economy ecosystem", 2024.

(2) COM(2021) 778.

(3) ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

(4) "Social economy in the life of Europeans – Eurobarometer report", 2025.

(5) "Much more than a market: Speed, security, solidarity–Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU citizens", 2024.

(6) ĠU C, C/2023/1344.

(7) SWD(2023) 211.

(8) SWD(2023) 212.

(9) "Study on State aid for access to finance for social enterprises and for the recruitment of disadvantaged workers in the form of wage subsidies", 2024.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2832.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2630.

(14) SWD(2025) 333.

(15) Ara https://circular-cities-and-regions.ec.europa.eu/

(16) Dawn l-ammonti huma approssimattivi, billi tqassim preċiż tal-ammonti allokati u l-investiment mobilizzat ibbażat fuq operazzjonijiet approvati tal-InvestEU ma huwiex possibbli fil-każijiet kollha.

(17) L-ADIE, l-istituzzjonijiet ewlenin ta' mikrofinanzjament Franċiżi bi kważi 100 000 klijent attiv, inkluż terz li jirċievu benefiċċji soċjali minimi u wieħed minn kull ħamsa mingħajr diploma, turi li 93 % tal-klijenti għadhom attivi professjonalment sentejn jew 3 snin wara li jirċievu self u 82 % tan-negozji maħluqa għadhom għaddejjin (2025, Etude Impact Adie ZRR).

(18) Ir-Regolament (UE) 2021/1057.

(19) Ir-Regolament (UE) 2021/1058.

(20) Ir-Regolament (UE) 2021/241.

(21) Ara https://socialinnovationplus.eu/

(22) Disponibbli fuq https://link.europa.eu/jpJ6xv

(23) "Policy Guide on Social Impact Measurement for the Social and Solidarity Economy", 2023.

(24) Impact Europe, "The Size of Impact: Main takeaways from the European impact investing market sizing exercise", it-28 ta' Novembru 2024.

(25) European Microfinance Network and Microfinance Centre, "Survey on Microfinance in Europe – 2025 edition", 2026.

(26) Disponibbli fuq: https://social-economy-gateway.ec.europa.eu/

(27) Data mill-31 ta' Jannar 2026.

(28) "Benchmarking the socio-economic knowledge of the proximity and social economy ecosystem", 2024.

(29) "Social economy in Europe – Contributing to competitiveness and prosperity", 2025.

(30) COM(2021) 345.

(31) COM(2025) 872.

(32) JOIN(2025) 26.

(33) Il-Kummissjoni bdiet tirrieżamina r-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija u se tivvaluta jekk għandux jiġi aġġornat u kif, inklużi r-regoli dwar l-għajnuna għall-intrapriżi soċjali, it-taħriġ u l-impjiegi u r-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati.

(34) COM(2025) 378.

(35) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013.

(36) Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013.

(37) COM(2025) 1025.

(38) L-aktar immappjar riċenti jista' jiġi kkonsultat fuq https://link.europa.eu/Wn7Nmq

(39) JOIN(2025) 791.

(40) COM(2025) 790.